MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2015

Avviz Numru. 29/2015

**Ian Falzon**

**vs**

**L-Awtorita' tat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur nhar it-22 ta' Jannar 2015 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-Awtorita' konvenuta thallsu l-ammont ta' disat elef u disa' mitt ewro (€9,900), rapprezentanti hmistax fil-mija (15%) tal-paga ta' Ian Falzon pagabbli bhala *performance bonus* dovuta lill-attur Ian Falzon li joqghod f'Ferroso Court, Flt 2, Triq Fuq il-Gonna, Swieqi, SWQ 3522 ghall-perjodu minn Jannar tas-sena 2013 sal-31 ta' Dicembru tas-sena 2013 u dan skond il-klawsola numru 5.1 tal-kuntratt tal-impjieg ta' Ian Falzon mal-Awtorita' tat-Trasport f'Malta datat 30 ta' Novembru 2010 (anness u mmarkat bhala Dok. JPD1), liema ammont, minkejja diversi interpellazjonijiet, ghadu ma thallasx sal-lum.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ghal Trasport f'Malta li giet ipprezentata nhar l-20 ta' Frar 2015 fejn eccepiet:

1. *"Preliminarjament l-Awtorita' intimata teccepixxi n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti f'din l-istanza in kwantu l-pretensjonijiet dedotti mir-rikorrent jaghqu minflok fil-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali ai termini tal-Artikolu 75 tal-istess Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' intimata teccepixxi l-lis alibi pendens stante li bejn il-partijiet fl-ismijiet premessi hemm diga' proceduri pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali li, jekk ikollhom success ghar-rikorrent, iwasslu ghall-ghoti ta' hlas li jinkludi l-pretensjoni tieghu f'din l-istanza;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 2147(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' esponenti tirrespingi l-pretensjonijiet kollha hekk kif dedotti fil-konfront taghha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont pretiz mhux dovut;*

   *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-Awtorita' intimata u dan fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015 fejn l-istess partijiet talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha fuq dawn l-istess eccezzjonijiet.

L-attur *in breve* qed jitlob fir-rikors promotur tieghu li jithallas mill-Awtorita' konvenuta somma flus rapprezentanti 15% tal-paga li huwa kellu mal-Awtorita' pagabbli bhala *performance bonus* dovuta lilu ghall-perjodu minn Jannar 2013 sa Dicembru 2013 u dan skond il-klawsola numru 5.1 tal-kuntratt ta' impieg tieghu mal-Awtorita' konvenuta datat 30 ta' Novembru 2010 esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok X liema ammont ghadu ma thallasx minkejja d-diversi interpellanzi tieghu.

Jinghad li l-**klawsola 5.1** tal-kuntratt appena imsemmi tipprovdi s-segwenti:

*"The employee shall be entitled to an annual performance bonus of up to fifteen (15%) percent of the annual gross salary payable at the time based, amongst others, on agreed performance objectives and Key Performance Indicators (KPI's). The absence of KPI's will not be a reason for a reduction or loss of the performance bonus."*

L-Awtorita' konvenuta fir-risposta taghha preliminarjament qed tecepixxi in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbi Qorti f'din l-istanza in kwantu it-talba tal-attur taqa' fil-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali ai termini tal-**Artikolu 75 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi ghalhekk qabel xejn jispetta lil din il-Qorti tara x'inhi l-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali qabel ma tista' titratta t-talba odjerna. Bl-Att XXII ta' l-2000 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452), gie cirkoskritt il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali ghal dak li jinghad fl-**Artikolu 75** tieghu. Huwa proprju dan id-dispost li dwaru jirrivolvi l-punt tal-ligi li jrid jigi deciz f'din is-sentenza preliminari. Jinhass xieraq ghalhekk li dan l-artikolu jigi riportat ghaliex hu proprju dan li jehtieg jigi mill-Qorti nterpretat:-

*"**75.** (1) Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni eskluziva li jikkunsidra u jiddeciedi:-*

*(a) il-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta; u*

*(b) il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti tahtu, ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi, u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci jew li mod iehor jallega il-ksur tad-dritt tieghu skond it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra;"*

Issa t-Titolu I tal-Kapitolu 452 imsejjah *"Relazzjonijiet dwar l-Impiegi"* jikkomprendi tmienja u erbghin (48) artikoli mifruxa fuq seba` (7) taqsimiet*:*

*"Taqsima I : Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi*

*"Taqsima II : Kondizzjonijiet maghrufa ta' Impieg*

*"Taqsima III : Protezzjoni tal-Pagi*

*"Taqsima IV : Protezzjoni kontra Diskriminazzjoni relatata ma` l-Impieg*

*"Taqsima V : Temm ta' Kuntratti ta` Servizz*

*"Taqsima VI : Infurzar u Ksur rigward Impiegi*

*"Taqsima VII: Amministrazzjoni li ghandha x'taqsam ma' Impiegi.*

Kif diga` kellha okkazjoni l-Qorti ta' l-Appell tesprimi ruhha fis-sentenza in parte li tat fil-31 ta' Mejju 2010 fil-kawza *"**Grima vs M H Malta Limited**",* mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I jaqghu taht il-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali. Wiehed jasal ghall-konferma ta` dan minn ezami tas-seba' taqsimiet tat-Titolu I. Propju ghaliex fejn il-ligi riedet fit-Titolu I tirreferi ghat-Tribunal Industrijali dan ghamiltu car u tond. Per ezempju, fil-kaz tat-Taqsima I li tirrigwarda l-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, ma hemm xejn li jaqa' taht il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali. Invece fejn tidhol it-Taqsima IV, li tittratta l-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni relatata mal-Impieg, hemm it-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni, kif tghid il-ligi stess.

Ghandu jinghad li l-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali giet konferita bil-Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta b'deroga ghall-gurisdizzjoni generali tal-qrati ordinarji. Ghalhekk, salv fil-kazijiet indikati fil-ligi stess, id-disposizzjonijiet ta` l-Kap.452 ma jistghux jigu interpretati b'mod wiesgha tant li jigu estizi sabiex jinkludu setghat li l-legislatur ma ndikax fil-ligi ghax ma riedx li dawn jidhlu fil-

parametri tas-setghat tat-Tribunal. Fi kliem iehor, il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setghat li ghandu huma dawk espressament indikati fil-ligi stess li stabbiliet il-parametri tal-operat tieghu. Dan hu l-istess ragunament li waslet ghalih il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **'Josette Attard vs Rettur Universita' ta' Malta'** deciza fl-24 ta' Jannar 2012.

Dan ir-ragunament ukoll gie abbraccjat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta' Novembru 2011 fl-ismijiet '**Karmenu Vella v. General Workers' Union**' fejn gie ritenut li mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I jaqghu taht il-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali u fil-fatt gie ritenut f'din is-sentenza li:

*"Minn qari ta' dan l-artikolu hu car li, kuntrarjament ghal dak li tissottometti l-ghaqda konvenuta, il-ligi ma taghtix gurisdizzjoni esklussiva lit-Tribunal Industrijali biex din tiddeciedi fuq kull materja inkorporata fit-Titolu I tal-Att. Il-ligi taghti din il-gurisdizzjoni esklussiva fil-kazijiet li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I. Fi kliem iehor, fejn it-Titolu I jikonferixxi gurisdizzjoni lit-Tribunal, dik il-gurisdizzjoni hi esklussiva. Kieku l-hsieb kien mod iehor, il-ligi kienet sempliciment tghid li kull kwistjoni dwar xi haga imsemmija fit-Titoli I tal-Att, tista' tigi mistharrga biss mit-Tribunal Industrijali. Il-ligi, pero`, ma tghidx dan. Tghid, minflok, li l-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali hi radikata biss fil-kazijiet fejn hu allegat li saret tkeccija ingusta (Artikolu 75(1)(a)) u fil-kazijiet fejn it-Titolu I jaghti gurisdizzjoni lit-Tribunal. Kieku kellu jkun mod iehor, anke dan is-subartikolu (1)(a) kien ikun superfluwu ."*

It-talba odjerna hija wahda fejn l-attur qed jitlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-Awtorita' konvenuta thallsu s-somma l-ammont ta' disat elef u disa' mitt ewro

(€9,900), rapprezentanti hmistax fil-mija (15%) tal-paga ta' Ian Falzon pagabbli bhala *performance bonus* dovuta lilu minn Jannar 2013 sal-31 ta' Dicembru 2013 skond il-klawsola numru 5.1 tal-kuntratt ta' impieg tieghu. Fil-kuntest tat-talba tieghu din il-Qorti ma tqisx li indagini dwar ir-raguni tat-terminazzjoni tal-impjieg li illum allegatament tinsab pendenti qudiem it-Tribunal Industrijali hija essenzjali. Din il-Qorti tista' takkolji jew tichad it-talba tal-attur ghall-hlas ta' din il-*performance bonus* minghajr ma jigi determinat jekk it-terminazzjoni kinitx gustifikata jew le. Id-dritt ghall-hlas ta' dawn il-bonuses ma jiddependix essenzjalment mir-raguni ghat-terminazzjoni u dan ghaliex it-talba tal-attur f'din il-kawza hija ta' natura kuntrattwali u mhux industrijali. Fl-fatt l-attur qed isostni li qieghed jagixxi ghal "*breach of contract*". Ghaldaqstant din l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

Fit-tieni lok l-Awtorita' konvenuta eccepiet l-eccezzjoni tal-'*lis alibi pendens'* u dan ghaliex bejn il-partijiet fl-ismijiet premessi diga' hemm proceduri pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali u jekk dawn ikollhom success ghall-attur iwasslu ghall-ghoti tal-hlas li jinkludi l-pretensjoni tieghu ta' din l-istanza.

Illi jinghad bla tlaqliq li l-ebda wiehed mill-partijiet ma pprezenta kopja ta' l-atti li allegament jinsabu *sub judice* quddiem it-Tribunal Industrijali ghalkemm jidher minn dak li ntqal verbalment meta l-avukati difensuri trattaw dawn iz-zewg ecezzjonijiet preliminari li l-allegati proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali jikkoncernaw it-tkeccija li fil-fehma tal-attur kienet wahda ingusta.

Illi jinghad li fl-ewwel lok sabiex issir talba ghal *lis alibi pendens* irid jigi pruvat li hemm zewg kawzi ghaddejjin fuq mertu simili bejn l-istess partijiet u li z-zewg kawzi jistghu jinstemghu quddiem l-istess Qorti. Illi ghalhekk minnufih jigi rilevat li l-eccezzjoni tal-*lis alibi pendens* ma tistax tintlaqa' ghaliex il-gurisdizzjoni ta'

Tribunal Indusrijali u dik tal-Qorti tal-Magistrati hija wahda differenti u ghalhekk la tista' din il-Qorti tibghat l-atti tal-kawza odjerna lil dak it-Tribunal u la jista' dak it-Tribunal jastjeni mis-smiegh ta' din il-kawza u jibghat l-atti quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet '**Anatoli Reznikov et. vs Nikolai A. Kotivov pro et noe'** biex l-eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens* tirnexxi jridu jintlaħqu dawn il-kundizzjonijiet essenzjali:

*"the essential conditions for this plea is the identity of the two actions which resulted from the identity of all the elements thereof, i.e. the parties, the subject-matter and the cause of the demand*."[1]

Il-Qorti tirrileva li fil-liġi tagħna il-konsegwenza tal-*litis pendentia* ma hijiex dik illi t-tieni kawża tinżamm milli ssir (bħal m'huwa l-każ fil-liġi Taljana)[2], iżda li ż-żewġ kawżi jinstemgħu flimkien billi l-kawża mressqa l-aħħar tsta' tiġi mibgħuta lil dik il-Qorti l-oħra, kif igħid l-**Art. 792** tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.[3]

---

[1] 24.3.1994 Vol. LXXVIII pt. IV p. 174.

[2] *"La litispendentia si ha quando due cause identiche nel loro elementi soggettivi e oggettivi sono state proposte davanti a giudici diversi. Si tratta in realta di una causa sola, che ha dato origine a due processi. Per eliminare questa sconveniente duplicita e necessario far cessare uno dei due processi e precisamente quello iniziato dopo, che non aveva ragione di soregere. Il giudice adito preventivamente (la prevenzione si determina dalla notificazione della citazione) rimane investito della causa; il giudice adito successivamente invece dichiara la litispendenza e ordina la cancellazione della causa dal ruolo"* - Manuale di Diritto Processuale Civile – Andrea Lugo (Settima Edizione – Giuffre Editore, p. 55).

[3] (vide sentenza fl-ismijiet '**John Spiteri vs. Caroline Spiteri'** QA – deciza fit-3 ta' Frar 2012).

Illi verbalment l-avukat difensur ta' l-Awtorita' stqarr ukoll li ghalkemm l-elementi ta' l-eccezzjoni *lis alibi pendens* jistghu ma jkunux kollha prezenti il-Qorti xorta tista' tordna li jkun hemm soprasessjoni sakemm ikun hemm decizjoni quddiem it-Tribunal Industrijali peress li fil-fehma tieghu l-mertu odjern jista' jigi trattat minn dak it-Tribunal.

Illi s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smiegh fl-istess waqt taż-żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa[4], trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir[5]. Kemm hu hekk, ingħad saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali[6], li l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, m'hijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala *lis alibi pendens* u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;

Illi huwa minħabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik[7]. Provvediment bħal dan huwa meqjus bħala wieħed interlokutorju[8] u, għalhekk,

[4] Art. 195(1) tal-Kapitolu 12

[5] App. Ċiv.: **28.10.1935** fil-kawza fl-ismijiet '***Sir Ugo Mifsud noe vs Guido Abela et'***. (Kollez. Vol:**XXIX.i.1295**);

[6] P.A. Kost.: **12.8.1994** fil-kawza fl-ismijiet '***Lawrence Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et'*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.171**)

[7] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **23.6.1869** fil-kawża fl-ismijiet '***German et vs Scicluna et'*** (Kollez. Vol: **V.157**); P.A. **23.1.1946** fil-kawża fl-ismijiet '***Buġeja vs Żammit'*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.197**) u App. Kumm.: **26.3.1984** fil-kawża fl-ismijiet '***Dr. Leslie Grech noe vs Dr. Emanuel Buttiġieġ et noe'*** (mhix pubblikata)

[8] App. Ċiv. **22.5.1989** fil-kawża fl-ismijiet '***Mallia et vs Beżżina et'*** (Kollez. Vol: **LXXIII.ii.338**)

ma jorbotx lill-Qorti li tkun taghtu jekk tqum il-ħtieġa li tibdel il-fehma tagħha aktar 'il quddiem, jekk tintwera raġuni tajba biex tagħmel dan;

Illi għalhekk ukoll, il-provvediment tas-soprasessjoni jitqies bħala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smigħ ta' kawża, meta n-norma hija, kif ingħad, li kawża li tinbeda għandha tinstama' sa ma tinqata'[9]. Kemm hu hekk, il-provvediment tas-soprasessjoni tqies bħala wieħed "alejatorju"[10] li, minħabba t-termini ebsin tal-Kodiċi Proċedurali dwar is-smigħ tagħhom[11], jista' jwassal għad-deżerzjoni tal-proċeduri mwaqqfa. Għal bosta snin, il-Qrati tagħna sabu li t-twaqqif ta' smigħ ta' kawża biex tistenna l-eżitu ta' kawża oħra li diġa' tressqet jew sakemm titressaq waħda fuq punt eċċezzjonali huwa rakkomandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf[12];

Illi peress li fic-cirkostanzi tal-provi imresqa din il-Qorti ma tistax tilqa' l-eccezzjoni tal-*lis alibi pendens* u dan ghaliex il-kawza odjerna qieghda tinstema' quddiem il-Qorti tal-Magistrati waqt li l-ohra allegatament qed tinstema' quddiem Tribunal u fit-tieni lok ma ghandhiex lanqas tordna is- soprasessjoni ta' din il-kawza ghaliex l-Awtorita' konvenuta ma resqet l-ebda prova in sostenn tal-eccezzjoni taghha li l-materja in desamina jista' jigi indirizzat minn dak it-Tribunal.

**Konsegwentement, in linea mar-ragunament fuq imfisser, din il-Qorti qieghdha tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-Awtorita' konvenuta u tordna**

---

9 App. Ċiv. **4.11.1957** fil-kawża fl-ismijiet '***Cardona vs Pisani***' (Kollez. Vol: **XLI.i.547**)
10 P.A. **23.5.1997** fil-kawża fl-ismijiet '***Camilleri noe vs Vassallo Gatt pro et noe***' (Kollez. Vol: **LXXXI.iii.83**)
11 Ara Art. 965(ċ) u (d) tal-Kapitolu 12
12 P.A. **12.4.1962** fil-kawża fl-ismijiet '***Azzopardi et vs Critien pro et***' (Kollez. Vol: **XLVI.ii.591**) u App. Ċiv. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet '***Grima et vs Frendo et***' (Kollez. Vol: **LXXXIII.ii.393**)

**l-prosegwiment tal-kawza u dan billi tiddikjara li hija ghandha il-gurisdizzjoni li tisma' din il-kawza.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------